# IL-PERIT ANDREA MICALLEF PAA (1884-1966)



Din is-sena r-raħal tagħna qiegħed jifraħ li l-qasam tal-MUSEUM fir-raħal tagħna jagħlaq 90 sena mill-ftuħ tiegħu fl-1912. Strumentali sabiex dan seħħ kien il-Perit Andrea Micallef li kien ukoll l-ewwel Superjur ta' dan il-Qasam. Fil-ktieb tas-sena li għaddiet tajna xi tagħrif dwar l-istorja tal-Qasam ta' Ħal Luqa fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni tal-Fundatur tas-Società tal-MUSEUM, Dun Ġorġ Preca. Din is-sena se nagħtu xi tagħrif dwar il-Perit Andrea Micallef.

## Il-Perit Andrea Micallef

Il-Perit Andrea Micallef ġej mill-familja Micallef li hi waħda mill-familji Ħalluqin li ħalliet il-marka tagħha fuq il-komunità u l-ħajja soċjali tar-raħal tagħna. Andrea Micallef twieled fl-10 ta' Marzu 1884 f'Ħal Luqa miż-żwieġ ta' Gio. Franġisk Micallef ma' martu Filomena née Agius mill-Furjana. Hu kellu tliet ħutu subien, Pietru, Gużeppi u Rafel u żewġ ħutu bniet, Maricarm u Nina. Missieru Gio. Franġisk kien ħu Giuseppe Micallef, l-Fundatur u l-ewwel President ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Wara l-mewt ta' Giuseppe Micallef fl-1886, Gio. Franġisk ġie magħżul bħala l-President il-ġdid biex ikompli fejn kien ħalla ħuh u baqa' f'din il-kariga għal 27 sena sħaħ. Gio. Franġisk kien Foreman fid-dipartiment ta' l-Inġinerija Ċivili fit-Tarzna ta' Ammiraljat, kariga xejn komuni u ta' prestiġju ħafna f'dawk iż-żminijiet. Nistgħu ngħidu li Gio. Franġisk kien ta' influwenza u ispirazzjoni kbira fuq uliedu, speċjalment fuq ibnu Andrea. Hekk Andrea mexa fuq il-passi ta' missieru u wara li ħa l-edukazzjoni tiegħu, kompla jistudja u leħaq perit u għal żmien twil kien perit fit-Tarzna ta' l-Ammiraljat. Hu mpenja ruħu wkoll ħafna fi ħdan is-Societa Filarmonica San Andrea fejn barra li kien bandist kien ukoll għal żmien Segretarju. Iżda fuq kollox baqa' ġuvni u fl-1912 impenja ruħu u fetaħ il-Qasam tas-Società tal-MUSEUM fir-raħal tagħna. Il-Perit Andrea Micallef miet fil-11 ta' Jannar 1966 fl-età ta' 82 sena. Bħala rikonoxximent għall-ħidma li wettaq f'Ħal Luqa, waħda mit-toroq iġġib l-isem tiegħu. Il-memorja tiegħu għandha timliena lkoll b'kuraġġ biex inkomplu ngħożżu l-patrimonju Luqi li aħna wrietna.



1908



1909



1907



1906

Dokumenti mill-kotba tas-Segretarju u tal-Kaxxier bejn l-1906 fejn Andrea Micallef jidher bħala Segretarju ta' l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija u membru fl-Orkestra.

## Il-Perit Andrea Micallef fi ħdan is-Società Filarmonica San Andrea

Andrea żgur li kien ta' għajnuna kbira għal missieru fit-tmexxija tas-Società Filarmonica San Andrea, speċjalment fl-ewwel snin tal-ħajja tagħha wara l-mewt għal għarrieda ta' zijuh Giuseppe. Ta' età żgħira tgħallem il-mużika bħal ħuh Rafel u z-ziju tiegħu Salvu Micallef u fis-snin ta' l-Orkestra San Andrea kien idoqq il-vjolin. Fi ħdan is-Soċjetà kien ukoll membru fil-kumitat tat-tmexxija u okkupa l-kariga ta' Segretarju għas-snin 1907 u 1908. Fatt interessanti hu li fil-kotba tas-Soċjetà minn Mejju 1909 'l quddiem wara isem Andrea Micallef bdew jidhru l-ittri PAA li jindikaw li kien perit. Andrea Micallef għalkemm ma baqax membru fil-kumitat, baqa' jattendi l-każin fuq bażi regolari. Hekk fl-1930 fuq inizjattiva tiegħu bdiet l-użanza li jkunu organizzati l-eżerċizzi spiritwali fil-każin u dawn baqgħu jsiru għal numru ta' snin. Dawn kienu jsiru billi jinġieb patri li jagħmel konferenzi mit-Tnejn sas-Sibt, imbagħad is-Sibt jinġiebu żewġ konfessuri straordinarji u l-Ħadd filgħodu ssir fil-Parroċċa quddiesa letta bil-fevorin li fiha s-Soċjetà tagħmel it-tqarbin tal-Preċett Imqaddes.

## Il-Perit Andrea Micallef u l-professjoni tiegħu

Fost ix-xogħlijiet tiegħu f'Ħal Luqa nsibu ċ-Ċimiterju fi Triq il-Gudja u l-Knisja Parrokkjali kif inhi llum wara li ġġarrfet fit-tieni gwerra dinjija.

Fit-8 ta' Marzu 1933 fi żmien il-kappillan Pavia, kien ingħata l-permess mill-Gvernatur biex iċ-ċimiterju l-qadim jiġi mkabbar u hekk jinqata' darba għal dejjem id-dfin fil-knisja parrokkjali. F'Awissu tas-sena 1934, l-Arċisqof Mauro Caruana ta b'xejn lill-knisja ta' Ħal Luqa tliet tomnieġ-raba' tal-Kurja li kien hemm maġenb iċ-ċimiterju sabiex ikun jista' jitkabbar. Il-Kappillan Dun Ġużepp Debono wara li ħa l-pussess fl-10 ta' Mejju 1936 kompla jaħdem fuq dan il-proġett u kien inkarigat il-perit Andrea Micallef biex jagħmel il-pjanti għal dan ix-xogħol inkluż ukoll il-pjanti tal-kappella. Dan ix-xogħol dam sejjer erba' snin sħaħ. Iċ-Ċimiterju tbierek fil-5 ta'

Marzu 1939 mill-Vigarju Ġenerali Mons. Pawlu Gatt.

Wara li spiċċat il-gwerra fl-4 ta' Awissu 1944 il-perit tal-Kurja RJ Cousin kien intbagħat mill-Arċisqof Gonzi biex jirraporta fuq il-ħsara li kienet ġarrbet il-knisja parrokkjali. Fir-rapport tiegħu l-perit Cousin kien qal li l-ħerba li kienet tinsab fiha l-Knisja kienet xiehda li r-raħal ta' Ħal Luqa kien l-aktar raħal ibbumbardjat fid-djoċesi. Aktar tard dik is-sena l-kappillan Debono kien ħabbar lill-Ħalluqin li kien wasal il-mument li tinbena l-Knisja mill-ġdid skond il-pjanti u taħt id-direzzjoni tal-perit Andrea Micallef. Imħajjar mill-perit stess, l-imgħallem Ġeraldu Spiteri ħa x-xogħol tal-bini tal-knisja f'idejh. Skond il-pjanta l-ġdida tal-perit Andrea Micallef il-korsijia l-gdida kellha tkun madwar ħames piedi aktar wiesgħa għalhekk il-pilastri kellhom jitnaqqsu b'madwar żewġ piedi u nofs mill-ħxuna tagħhom. In-navi tal-knisja kellhom jibqgħu fuq id-disinn ta' kif kienu sa qabel il-gwerra. It-tul tal-knisja kellu jkun itwal billi jitwal il-kor u hekk ikun aktar spazjuż. Is-saqaf kellu jkun wiesa' tletin pied u disa' pulzieri u jkopri fih il-lunetti bit-twieqi biex jagħmlu l-knisja ferm aktar arjuża u mdawla. Il-kappelluni tar-Rużarju u ta' l-Agunija flimkien mal-kor kellhom jinħattu u jinbnew mill-ġdid skond id-disinni l-ġodda. Il-koppla ġiet għolja tmienja u erbgħin pied b'dijametru ta' wieħed u tletin pied minn ġewwa. Il-bini tal-knisja mill-ġdid tista' tgħid li kien tlesta f'Ġunju ta' l-1952, però kien għad fadal isiru xi xogħlijiet sabiex fit-12 ta' Mejju 1953 tqaddset l-ewwel quddiesa fuq l-altar maġġur il-ġdid. Issa kien għad fadal biss li tkun irranġata l-faċċata li din tlestiet fl-1955.

Biċċa xogħol oħra interessanti tal-perit Andrea Micallef, kienet id-disinn ta' l-armar li kellu jinħadem sabiex isir xi xogħol fil-koppla tar-rotunda tal-Mosta.

## Il-Perit Andrea Micallef u s-Soċjetà tal-MUSEUM

Kif ġa semmejna l-perit Andrea Micallef kien jaħdem għal żmien twil it-Tarzna. Waqt il-ħin tal-mistrieħ diversi ġuvintur li kienu jaħdmu hemm, kienu joqogħdu jisimgħu lill-ewlenin membri tal-MUSEUM jagħmlu l-lezzjonijiet. Sa l-1911 kien diġà hawn 11-il qasam miftuħa madwar Malta. Il-Perit Andrea Micallef li kien ġuvni eżemplari, ta' spiss kien ikun fil-preżenza ta' Dun Ġorġ u għalhekk ma setax jonqos li hu jara kif jagħmel u jinkoraġixxi ġuvintur oħra bħalu sabiex jissieħbu fi ħdan din is-Soċjetà u jirsistu biex jiftħu qasam ieħor f'Ħal Luqa. Il-perit Micallef stinka ħafna mal-kappillan Dun Anton Vella sabiex dan jagħti l-permess tiegħu biex jinfetaħ Qasam ta' l-irġiel f'Ħal Luqa. Dan min-naħa tiegħu ma sab l-ebda diffikultà. Għalhekk meta n-numru ta' l-imsieħba kien wieħed sabiħ kien deċiż li tinkera dar fi Sqaq numru 5 fi Triq Sant'Andrija. Din id-dar infetħet bħala Qasam fl-20 ta' Mejju 1912, bil-perit Andrea Micallef ikun magħżul bħala l-ewwel Superjur. Hu dam bħala Superjur tal-Qasam ta' Ħal Luqa x'aktarx sa l-1917.

**Raymond Zammit**


***Referenzi***

Kotba tal-Kaxxier u tas-Segretarju ta' l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija għas-snin 1901-1920.
"Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha" Dun Ġużepp Micallef 1975.
Programm tal-Festa Titulari ta' Sant' Andrija mill-Għaqda Mużikali Sant' Andrija 2001.
Arkivji Parrokkjali tal-Knisja ta' Ħal Luqa.